# IRQAQAT TAL-KITBA

Fl-aħħar ħarġa ta' *Leħen il-Malti* (faċċ. 15) ktibna : *il-vokali i fil-bidu ta' kelma tinxorob mill-aħħar vokali tal-kelma ta' qabilha meta mhix biċċa mill-kelma; meta hi biċċa mill-kelma ma tinxorob qatt.*

Dan ktibnieh wara li domna ħafna nqabblu l-Malti mal-Għarbi fit-tnissil u fit-tiswir tiegħu, u jidhrilna li ma jista' jmerih ħadd. Iżda s-Sur J. Buħagiar uriena li ma jaqbelx magħna, u hawn sa nġibu dak li kitbilna, mhux biex nifthu l-bieb għall-ġlied, iżda biex inwieġbu lilu u lil min jaħseb bħalu u biex nuru kemm jogħġobna li wieħed jifli tajjeb u jifhem kif inhi maħduma l-kitba Maltija.

L-ewwelnett qal li l-ilsna kollha jieħdu kliem minn għand xulxin, u l-kliem, meta jidħol fi lsien ieħor, jinża' l-libsa tiegħu u jilbes libsa oħra. Sa hawn naqblu miegħu għal kollox.

Qal ukoll li fil-Malti għandna drawwa li meta kelma tispiċċa b'vokali, il-kelma ta' warajha trid tibda b'konsonanti, barra minn meta jkun hemm xi mistrieħ (jew *virgola)*, inkella l-ewwel vokali tal-kelma ta' wara jkollha l-aċċent, bħal : *jiena nkun*; *malli naslu, insibu l-ikel*; *dana itjeb.* L-eżempi tajbin, iżda biex nifhmuhom, jaħtieġ nifhmu s-sies li fuqu mibnija d-drawwa jew liġi li semma. *Jiena (i)nkun*, il-vokali *i* tinxorob mill-vokali ta' qabilha, għax hi żjieda barranija u mhix meħtieġa; *insibu*, il-vokali *i* ma tinxorobx għax iż-żewġ kelmiet *naslu* u *insibu* huma mifrudin bejniethom; *itjeb*, il-vokali *i* ma tinxorobx għax hi biċċa mill-kelma, jiġifieri l-konsonanti semija *hamża* bil-vokali *i* magħha, u għalhekk iż-żomm dejjem sħiħ, imqar meta titlef l-aċċent, hekk : *ħadilna isimna.*

Iżjed : il-kliem li daħal fil-Malti mit-Taljan jew mill-Ingliż, għandna nġagħluh joqgħod għad-drawwiet tagħna, u niktbu : *meta kkmanda*, (għal din ir-raġuni nfisha jiena għidt li għandna niktbu *meta ikkmanda)* għax inkella tintilef dik il-mużka sabiħa li hija bħal dik tal-lsien Franċiż li tgħaqqad l-aħħar biċċa ta' kelma mal-bidu ta' l-oħra, biex tingħimel sillaba waħda, ħoss wieħed, bħal : *me-tak-kmanda.* Hawn hi l-għoqda li jien ridt inħollha b'dak is-sies li qegħidt fuq. Is-Sur Buħagiar, jekk fhimt tajjeb, ried iħollha bil-widna. Iżda l-widna, bħalma tgħinek, tista' tfixklek ukoll. Jekk xi drabi *ż-żewġ* kelmiet jinħassu bħala kelma waħda : *meta kkmanda*, bosta drabi jinħassu aħjar bħala żewġ kelmiet mifrudin, bil-vokali *i* bejniethom. Min ma jsem-magħx il-ħoss *i* meta jgħid : *kienu ikkmandati, kienu ixxurtjati*? U għalhekk naħseb li l-widna aktar titlob milli tbarri l-vokali *i.*

Iżda l-kustjoni kollha hi hawn: Hija l-vokali *i* fil-kliem li semmejna biċċa mill-kelma jew żjieda għall-ħeffa tal-kelma? Jekk hi biċċa mill-kelma, bħalma naħseb jien, għandna niktbu: *meta ikkmanda* Jekk mhix biċċa mill-kelma, niktbu kif igħid Buħagiar; *meta kkmanda* Hekk għandha tinħall il-għoqda

Fl-aħħar qalli flok: *meta ibbies; ħadilna isimna*, jidhirli li għandna niktbu: *meta jbbies; ħadilna jsimna.* Le; għax il-*j* tista' ssir *i*, imma *i* ma ssirx *j*. Kif isir dan ingħidulh darb'oħra.

Nistqarr u naqbel mas-Sur Buħagiar li biex tifhem aħjar il-kitba tal-Malti jaħtieġ li tkun taf ilsna oħra, u l-aktar ilsien Għarbi, iżda jekk il-kotra tal-Maltin hi nieqsa minn dan it-tagħlim (u għax ma għandux ikollna tagħlim il-Għarbi, bħalma kellna snin ilu?), ma jidhirlix li l-kitba tal-Malti għandha tibqa' nieqsa minn dak it tirqim li jgħolliha fuq kull kitba oħra.

P. P. Saydon